Nru. 18,228
Prezz/Price
€2.24 (Lm0.96)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 15 ta' April, 2008
Tuesday, 15th April, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 318

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,227 tal-11 ta' April, 2008.

A.L. Nru. 116 ta' l-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2008 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Applied Chemistry - P.G. Dip. Appl. Chem.

A.L. Nru. 117 ta' l-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Policing - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi.

A.L. Nru. 118 ta' l-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2008 tal-Kors għall-Grad ta' Master in Inclusive Education and Communities - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni.

A.L. Nru. 119 ta' l-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2008 tal-Kors għall-Grad ta' European Master of Science in Human Language Science and Technology - M.Sc. (HLST) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

A.L. Nru. 120 ta' l-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

A.L. Nru. 121 ta' l-2008: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356); Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali.

Il-15 ta' April, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 318

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,227 of the 11th April, 2008.

L.N. No. 116 of 2008: Education Act (Cap. 327); Postgraduate Diploma in Applied Chemistry - P.G. Dip. Appl. Chem. - Course (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 117 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 to amend the Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Policing - under the auspices of the Institute of Forensic Studies.

L.N. No. 118 of 2008: Education Act (Cap. 327); Master in Inclusive Education and Communities Degree Course Regulations, 2008 - under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. No. 119 of 2008: Education Act (Cap. 327); European Master of Science in Human Language Science and Technology - M.Sc. (HLST) - Degree Course Regulations, 2008 under the auspices of the Faculty of Information and Communication Technology.

L.N. No. 120 of 2008: Education Act (Cap. 327); General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008.

L.N. No. 121 of 2008: Environment Protection Act (Cap. 435); Development Planning Act (Cap. 356); Prevention and Remedying of Environmental Damage Regulations, 2008.

15th April, 2008

Nru. 319

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għall-perjodu ta' sentejn, b'seħħ mit-13 ta' April, 2008, ta' l-Avukat Dott. Mario Scerri, LL.D.

L-14 ta' April, 2008
(MJ/5/88/II)
(OPM/141/81)

No. 319

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291) the Prime Minister approved the appointment as Commissioner for Justice, for a period of two years with effect from the 13th April, 2008, of Adv. Dr Mario Scerri, LL.D.

14th April, 2008

Nru. 320

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dott. Philip Lanfranco, LL.D. bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino, LL.D.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-13 ta' Novembru, 2007

No. 320

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Philip Lanfranco, LL.D. to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Paul Pullicino, LL.D.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

13th November, 2007

Nru. 321

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 321

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Maria Dolores Mifsud	562658 (M)	*Private Address:* "Blue Waters", Suite No. 3, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar *Business Address:* "El Lobo Security Services Company Ltd", "Blue Waters", Suite No. 3, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Brian Formosa	364773 (M)	"Princess", Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan
Kelly Micallef	366382 (M)	"Weeping Willows", Triq is-Sebuqa, San Ġwann
Rita Forace	52060 (M)	Flat 3, Triq San Ġużepp, Bieb "B", Valletta.
Josef Farrugia	16981 (G)	"Galea Garage", Triq Sant Anton, Xagħra, Għawdex
Carmelo Agius	350258 (M)	"Conception", Flat 6, Triq il-Mandolina, Birżebbuġa
Clint Formosa	413984 (M)	29, Triq il-Barrakki, Qormi
Emanuel Schembri	353865 (M)	5, Triq Gio Maria Camilleri, Mosta
Pierre Parnis	290476 (M)	2, Triq is-Sur, Isla
Glencora Darmanin	117977 (M)	"Angel Court", Flat 2, Triq l-Għaxra ta' Settembru,1456, Qormi
Mario Borg	390280 (M)	18, "Mon Nid", Triq il-Qaqoċċ, Żabbar
Rita Attard Ghiller	187760 (M)	Flat 4, Wesgħa l-Knisja tan-Nattività, Blokk B, Bormla
Carmel Farrugia	537853 (M)	"Sharkev", Triq Dun Karm Sant, Tarxien
Joseph Darmanin	216356 (M)	Flat 3, Blokk 4, App. Tal-Karwija, Kirkop
Christian Scicluna	321988 (M)	9, "Gerdor", Triq Spiru Spiteri, Tarxien
Tiziana Bugeja	157386 (M)	3, Sqaq Rajsa, Żejtun
Joseph Caruana	43152 (M)	"Lumic", Triq Santa Marija, Bubaqra, Żurrieq
Christopher Attard	347089 (M)	30, Falzon Court, Flat 4, Triq Lewis F. Mizzi, Iklin
Alexander Axiaq	110470 (M)	34, Triq Ġużeppi Muscat, Qrendi
Malcolm Keith Busuttil	194385 (M)	182, Flat 11, Triq Sant'Ursula, Valletta
Carmel Busuttil	188965 (M)	46, "St.Tereza", Triq San Luqa, Żurrieq

Andreas Grech	184389 (M)	9, "Nazaret", Triq Dun Ġwann Mamo, Tarxien
Dorothea Spiteri	271184 (M)	"Violas", Triq Stiefnu Zerafa, Marsa
Stephania Sammut	12184 (M)	51, Triq San Ġużepp, Żejtun
Angelo Desira	753060 (M)	3, "Slava", Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk
Leslie Dimech	466863 (M)	16, Triq il-Konservatorju, Floriana
Chrsitine Beckson	112490 (M)	20, "Windmill", Triq il-Fawwara, Siġġiewi
Daniel Camilleri	624982 (M)	171, Triq l-Arkata, Paola
Abraham Seguna	342288 (M)	56, "Thank God", Triq Cappadocia, Qormi
Henry Kitcher	955148 (M)	14, "Casa Henpol", Triq Anton Inglott, San Ġwann

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-15 ta' April, 2008

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

15th April, 2008

Nru. 322

ELEZZJONI KAŻWALI 2008 – GŻIRA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fis-7 jum ta' April, 2008, biex jimtela l-post li tbattal minn Rizzo Albert, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skond il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 322

CASUAL ELECTION 2008 – GŻIRA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 7th day of April, 2008, to fill the seat vacated by Rizzo Albert, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett *Number of votes in Parcel* } **445**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **223**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd1 *1st Count*	Għadd 2 *2nd Count*		Għadd 3 *3rd Count*	
	Voti *Votes*	Trasf. tal-Voti ta' Cuschieri Rossano	Riżultat	Trasf. tal-Voti ta' Micallef Mary Grace	Riżultat
PARTIT NAZZJONALISTA					
CUSCHIERI ROSSANO	121	- 121	—	—	—
MICALLEF MARY GRACE	123	+ 74	197	- 197	—
RUTTER VICTOR PIO	171	+ 45	216	+ 186	402
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	30	2	32	11	43
Totali *Totals*	445		445		445

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi RUTTER VICTOR PIO ġie elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that RUTTER VICTOR PIO *is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.*

Id-data tal-lum is-7 jum ta' April, 2008
Dated this 7th day of April, 2008

EDWARD R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

J.M. BUTTIGIEG M. CALLUS H. DISTEFANO S. FENECH
V. GANADO S. SANT T. SULTANA R. ZAMMIT

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 323

PERSUNI REĠISTRATI BĦALA ĊITTADINI TA' MALTA

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew irreġistrati bħala ċittadini ta' Malta bejn Jannar/Marzu 2008, hija ppubblikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (1) ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

No. 323

PERSONS REGISTERED AS CITIZENS OF MALTA

THE following list of persons who have been registered as citizens of Malta during January/March 2008, is being published for general information in accordance with the provisions of section 25 (1) of the Maltese Citizenship Act (Cap. 188).

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Data ta' Reġistrazzazzjoni *Date of Registration*
Abdullah	Musab Muhammad	11/01/2008
Alforja	Gloria Lim	01/02/2008
Andersson	Robert	25/01/2008
Andersson	Leif Gosta	25/01/2008
Aquilina	Imane	07/03/2008
Asciak	Anthony George	22/02/2008
Athanasio	Ruth Eveline Laurelle	22/02/2008
Athanasio	Regan John	07/03/2008
Attard	Rena Marian	08/02/2008
Balzan	Catherine	08/02/2008
Bataille	Celeste Rose-Mary	29/02/2008
Beard	Emma Maria	08/02/2008
Bettiol	Andrew Peter	07/03/2008
Bitschkat	Rachel Nicole	01/02/2008
Bonnici	Maria Helena	18/01/2008
Bonnici	Rosemary	07/03/2008
Borg	Valerie	18/01/2008
Borg	Wayne Morris	08/02/2008
Borg	Jade Sheree	22/02/2008
Borg	Mia Bella	29/02/2008
Brevers	Angelique	28/03/2008
Brown	Scott Alexander	15/02/2008
Bugeja	John	18/01/2008
Bundy	Melvyn Zachary	29/02/2008
Butler	Christopher	28/03/2008
Callaghan	John	28/03/2008
Camilleri	Michelle Mary	15/02/2008
Camilleri	Emma Clare	29/02/2008
Cassar	Bernard Michael	07/03/2008
Cassar	Anthony Michael	07/03/2008
Chapman	Andrew Arthur John	07/03/2008
Clews	Sharon Therese	11/01/2008
Corby	James David	07/03/2008
Cox	Nicole Maree	07/03/2008
Cruickshank	Jade Sophia	01/02/2008
Cuschieri	Amy Maria	07/03/2008
Cuschieri	Timothy George	07/03/2008

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Data ta' Reġistrazzazzjoni *Date of Registration*
Cuschieri	Benjamin William	07/03/2008
Dempsey	Michael Manuel	11/01/2008
Di Raimondo	Rosaria	08/02/2008
Dillow	Wayne Jack	22/02/2008
Enaam	Yusef Abdalla Yusef	22/02/2008
Everall	Nicola Louise	07/03/2008
Falzon	Matthew John	18/01/2008
Fenech	Sandra Louise	28/03/2008
Fisher	Timothy Robert	15/02/2008
Formosa	Wade Raymond	08/02/2008
Franzo	Joseph George	07/03/2008
Frendo	Michelle Angela Rose	29/02/2008
Frigerio	Steven Andrea	22/02/2008
Frigerio	Rossella Enrica	22/02/2008
Garnock	Benjamin Philip	15/02/2008
Garnock	Nicholas James	15/02/2008
Gatt	Elizabeth Ann	08/02/2008
Gatt	Laila	08/02/2008
Gauci	Sonja Marie	28/03/2008
Gwozdecky	Matthew Joseph Francis	01/02/2008
Gwozdecky	Peter Michael George	01/02/2008
Houdaifa	Nahi	01/02/2008
Itketek Camilleri	Alayiah Amira	29/02/2008
Jones	Susan Beatrice	18/01/2008
Jones	Norman	28/03/2008
Jones	David Brian	28/03/2008
Kew	Suzannah Philippa	28/03/2008
Lamacchia	Daniel Victor	01/02/2008
Lowe	Jacqueline	11/01/2008
Luppino	Fabio	07/03/2008
Luppino	Dario	07/03/2008
Luppino	Roberto Fortunato Antonio	07/03/2008
Mallett	Georgina Rose	28/03/2008
Maric	Julie Pauline	15/02/2008
Mc Grath	Nina Josephine	28/03/2008
Mc Kay	David Wayne	28/03/2008
McGuffie	Emily Christine	18/01/2008
Menzies	Carla Elizabeth	15/02/2008
Mifsud	Manuel Carmel	29/02/2008
Mifsud	Thomas James	07/03/2008
Miljanic	Miljan	08/02/2008
Mitzi	Josephine	28/03/2008
Mondy	Peter Charles	07/03/2008
O'Dea	Miriam Tereza	07/03/2008
O'Dea	Victoria Josephine	07/03/2008

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Data ta' Reġistrazzazzjoni *Date of Registration*
Patchett	Trish Mary	29/02/2008
Pell	Mark Robert	08/02/2008
Pisani	Charlotte Jane	28/03/2008
Pisani	Melisa Susan	28/03/2008
Platt	Kerry Marie	01/02/2008
Portelli	Michael James	22/02/2008
Portelli	David George	22/02/2008
Pratt	Therese Caroline	29/02/2008
Radburn	Kate Elizabeth	28/03/2008
Rapa	Lou Anne	28/03/2008
Renda	Dion Mario	11/01/2008
Rizzo	Claude	26/03/2008
Rogers	James Delbert	25/01/2008
Romagnoli	Alessia	11/01/2008
Salouani	Karima	28/03/2008
Sammut	Jodie Josephine	28/03/2008
Sant	Luke Edward	25/01/2008
Sant	Denis Edward	25/01/2008
Scerri	Anthony Paul	28/03/2008
Schiavone	Josephine	18/01/2008
Scott	Vanessa Elizabeth	11/01/2008
Seaman	Madeleine	11/01/2008
Seaman	Benjamin	11/01/2008
Smith	Matthew James	08/02/2008
Smith	Wendy-Ann Lee	28/03/2008
Stuart	Nancy Lynn	25/01/2008
Thewma	Avon	15/02/2008
Thompson	Christine Mary	15/02/2008
Varga	Stephen	29/02/2008
Vella	Michael John	18/01/2008
Vella	Denise (Dionisia)	22/02/2008
Vella	Susima	07/03/2008
Vella El Bazza	Saadia	07/03/2008
Wallace	Sarah Rose Holly	25/01/2008
Whitehead	Christopher Anthony	15/02/2008
Winn	Catherine Elizabeth	28/03/2008
Wise	Rebecca	22/02/2008
Wise	Steven Gary	22/02/2008
Wise	Elizabeth	22/02/2008
Wyber	James Michael	18/01/2008
Xerri	Mathew Joseph	18/01/2008
Zammit	Stephen Paul	29/02/2008
Zappulla	Rachel Ann	07/03/2008

Nru. 324

PERSUNI NATURALIZZATI BĦALA ĊITTADINI TA' MALTA

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew naturalizzati bħala ċittadini ta' Malta bejn Jannar/Marzu 2008, hija ppubblikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (1) ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

No. 324

PERSONS NATURALISED AS CITIZENS OF MALTA

THE following list of persons who have been naturalised as citizens of Malta during January/March 2008, is being published for general information in accordance with the provisions of section 25 (1) of the Maltese Citizenship Act (Cap. 188).

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Data ta' Naturalizzazzjoni *Date of Naturalization*
Abou Wafie	Chahnaz	01/02/2008
Boulus	Miladeh Issa	22/02/2008
Burrell	James Gregory	28/02/2008
Calleja	Eliza	28/02/2008
Chun	Ching Yin	01/02/2008
Debrincat	Ryan	28/02/2008
Feng	Yan Qin	18/02/2008
Hamdane	Youbi	22/02/2008
Shang	Juan	03/03/2008
Xu	Jing Yao	01/02/2008

Il-15 ta' April, 2008

15th April, 2008

Nru. 325

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

No. 325

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
15. 04. 08	€18.975 (Lm8.14,6)	€0.387 (Lm0.16,6)

Il-15 ta' April, 2008

15th April, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 31

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Valletta

Nhar it-Tlieta, it-22 ta' April 2008 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl bejn San Kristofru u l-Arċisqof, l-Arċisqof bejn San Pawl u l-Merkanti, il-Merkanti bejn l-Arċisqof u San Duminku.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Il-15 ta' April, 2008

POLICE NOTICE

No. 31

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and time hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and time indicated.

Valletta

On Tuesday, 22nd April 2008 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: San Pawl between San Kristofru and l-Arċisqof, l-Arċisqof between San Pawl and il-Merkanti, il-Merkanti between l-Arċisqof and San Duminku.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

15th April, 2008

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Scholarships in Italy 2008/2009

The Italian Government is offering a number of long-term scholarships for graduate/postgraduate studies in specialisation courses or research, during academic year 2008/2009.

Suitably qualified candidates should not be less than 18 and not more than 35 years of age. It is essential that candidates first obtain the necessary information, regarding their chosen field of study, and confirm their qualifications at the Italian Cultural Institute before submitting their application.

Prior to identifying a university/course of studies in Italy, students are advised to consult the Registrar's Office at the University of Malta as regards the equivalence of the eventual degree obtained.

Application Forms are available from the Ministry of Foreign Affairs, Valletta or the Ministry's Website (www.foreign.gov.mt) or from the Information Section, Banca Giuritale, Victoria, Gozo.

Applications should be SUBMITTED IN DUPLICATE by not later than noon of Monday, 28th April 2008 as indicated below:-

(i) One copy to the Italian Cultural Institute, St. George's Square, Valletta

Mondays to Thursdays from:	9.30 a.m. to 12.30 p.m. and 2.30 p.m. to 4.30 p.m.
Fridays (mornings only)	9.30 a.m. to 1.00 p.m.

(ii) One copy to the Scholarships Section of the Ministry of Foreign Affairs, Valletta

Mondays to Fridays from:	8.30 a.m. to noon
	2.00 p.m. to 4.30 p.m.

The application forms should be supplemented by the following necessary documents:-

Letters of Recommendation by at least two academic authorities and/or letter of recommendation by Head of Department (if a government employee)

Copy of degree and transcript (for specialisation courses)

Transcript of all 'O' and 'A' level certificates held (to be issued by University of Malta) (for all applicants)

Successful candidates may be required to enter into a contract to serve the Government or the Private Sector of Malta upon completion.

Applications from Government and Parastatal employees and from the Private Sector will not be considered unless recommended by their Head of Department/Employer respectively.

Late applications will not be considered.

The Board's decision will be final.

15th April, 2008

KUNSILL LOKALI DINGLI

Laqgħa Annwali tal-Lokalità 2008

Skond l-artikolu 70 (1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar it-Tlieta, id-29 ta' April 2008 fl-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali Dingli, Ċentru tal-Komunità, id-Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli fil-5.30 p.m.

Ir-residenti ta' Ħad-Dingli huma mħeġġa biex jattendu.

Il-15 ta' April, 2008

DINGLI LOCAL COUNCIL

Annual General Meeting 2008

In accordance with section 70 (1) of the Local Councils' Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Tuesday, 29th April 2008 at the Dingli Local Council's Offices, Centre for the Community, Daħla tas-Sienja, Dingli at 5.30 p.m.

Dingli residents are encouraged to attend.

15th April, 2008

KUNSILL LOKALI GUDJA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 (1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità fis-7.00 p.m. at nhar l-Erbgħa, it-23 ta' April 2008 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Raymond Caruana, il-Gudja.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar ħarġa tar-Reġistru Elettorali tal-Gudja huma mħeġġa biex jattendu.

Il-15 ta' April, 2008

GUDJA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held at 7.00 p.m. on Wednesday, 23rd April 2008 at the Council's Adminisrative Office in Triq Raymond Caruana, Gudja.

All persons appearing in the Local Council's Electoral Register for Gudja are encouraged to attend.

15th April, 2008

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Laqgħa Annwali tal-Lokalità 2008

Skond l-artikoli 47 u 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità fis-7.30 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' April 2008 Crystal Palace Hall, Triq ir-Rabat, Marsalforn, iż-Żebbuġ (Għawdex).

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar ħarġa tar-Reġistru Elettorali taż-Żebbuġ (Għawdex) huma mħeġġa biex jattendu.

Il-15 ta' April, 2008

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting 2008

In accordance with sections 47 and 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held at 7.30 p.m. on Friday, 18th April 2008 at the Crystal Palace Hall, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Żebbuġ (Gozo).

All persons appearing in the Local Council's Electoral Register of Żebbuġ (Gozo) are encouraged to attend.

15th April, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' April, 2008, għal:

CT 27/2008. Xiri ta' kotba Way Ahead 5 għall-Iskejjel Primarji 2008-2009 - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 28/2008. Xiri ta' kotba tal-Matematika għall-*Form* 3 fis-Settur Sekondarju 2008-2009 - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' April, 2008, għal:

CT 29/2008. Alterazzjonijiet strutturali u xogħlijiet ta' tlestija f'44, Triq Sir Temi Zammit, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' €233.00 (Lm100.03) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-29 ta' April, 2008, għal:

CT 30/2008. Servizzi ta' inġinerija tal-bini għall-kostruzzjoni ta' Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 (Lm25.76) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 39/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *computer continous stationery* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 40/2008.Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *envelopes* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 41/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *carbon steel bars* għar-rinforzar tal-konkrit lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Mejju, 2008, għal:

CT 53/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' njam parana u iroko lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th April, 2008, for:

CT 27/2008. Purchase of Way Ahead 5 textbooks for the Primary Schools 2008-2009 - Education Division. A fee of €25.00 (Lm10.73) will be charged for each copy of tender document.

CT 28/2008. Purchase of Mathematics Textbooks for Form 3 in the Secondary Sector 2008-2009 - Education Division. A fee of €25.00 (Lm10.73) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd April, 2008, for:

CT 29/2008. Structural alterations and finishing works at 44, Triq Sir Temi Zammit, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of €233.00 (Lm100.03) for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 29th April, 2008, for:

CT 30/2008. Building engineering services for the construction of a Blood Transfusion Centre – Department of Health. A fee of €60.00 (Lm25.76) will be charged for each copy of tender document.

CT 39/2008. Framework agreement for the supply of computer continous stationery to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 40/2008. Framework agreement for the supply of envelopes to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 41/2008. Framework agreement for the supply of carbon steel bars for concrete reinforcement to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 6th May, 2008, for:

CT 53/2008. Framework agreement for the supply of parana and iroko timber to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Mejju, 2008, għal:

CT 32/2008. Xiri ta' kotba ġodda tat-Taljan "Rete! 2 Libro di Classe, Libro di Casa u Guida per Insegnante" għas-Settur Sekondarju 2008-2009 - Direttorat għas-Servizzi ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 33/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' żrar u ramel tal-qawwi f'diversi siti f'Malta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 (Lm30.05) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 34/2008. Provvista ta' *phosphate enema BP* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 35/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *streptonkinase 1500000iu* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 36/2008. Provvista ta' pilloli *verapamil 240mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 57/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *boiler suits* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 58/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' njam ta' l-abjad u ta' l-aħmar lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-15 ta' Mejju, 2008, għal:

CT 42/2008. Xiri ta' kotba għad-Disinn u Teknoloġija fl-Edukazzjoni fis-Settur Sekondarju 2008-2009 - Direttorat għas-Servizzi Edukattivi. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 43/2008. Provvista ta' *AO external fixation* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 44/2008. Provvista ta' *adrenaline 1:10,000 prefilled syringes* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 45/2008. Provvista ta' *intra aortic balloon catheters* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 46/2008. Provvista ta' *proseal laryngeal masks,* Qies: 1, 2, 2.5 - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 47/2008. Provvista ta' *ion-exchange lipid lowering resins* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 48/2008. Provvista ta' *programmable implantable infusion pumps* u *catheters* - Dipartiment tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 8th May, 2008, for:

CT 32/2008. Supply of new Italian textbooks "Rete! 2 Libro di Classe, Libro di Casa and Guida per Insegnante" for the Secondary Sector 2008-2009 - Directorate for Educational Services. A fee of €25.00 (Lm10.73) will be charged for each copy of tender document.

CT 33/2008. Period contract for the supply and delivery of hard stone spalls and sands to various sites in Malta - Works Division. A fee of €70.00 (Lm30.05) will be charged for each copy of tender document.

CT 34/2008. Supply of phosphate enema BP - Department of Health.

CT 35/2008. Supply of streptonkinase 1500000iu injections - Department of Health.

CT 36/2008. Supply of verapamil 240mg tablets - Department of Health.

CT 57/2008. Framework agreement for the supply of boiler suits to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 58/2008. Framework agreement for the supply of white and red deal timber to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th May, 2008, for:

CT 42/2008. Purchase of textbooks for Design and Technology in Education for the Secondary Sector 2008-2009 - Directorate for Educational Services. A fee of €25.00 (Lm10.73) will be charged for each copy of tender document.

CT 43/2008. Supply of AO external fixation - Department of Health.

CT 44/2008. Supply of adrenaline 1:10,000 prefilled syringes - Department of Health.

CT 45/2008. Supply of intra aortic balloon catheters - Department of Health.

CT 46/2008. Supply of proseal laryngeal masks, Size: 1, 2, 2.5 - Department of Health.

CT 47/2008. Supply of ion-exchange lipid lowering resins - Department of Health.

CT 48/2008. Supply of programmable implantable infusion pumps and catheters - Department of Health.

CT 49/2008. Provvista ta' *consumables for radiometer BLD gas analyser* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 50/2008. Provvista ta' *arterial blood samplers* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' Mejju, 2008, għal:

CT 31/2008. Servizzi ta' trasport bix-xufier f'Malta - Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €75.00 (Lm32.20) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Marzu 2008.

CT 51/2008. Servizzi ta' trasport bix-xufier f'Għawdex - Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €75.00 (Lm32.20) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Mejju, 2008, għal:

CT 59/2008. Żarmar ta' tagħmir eżistenti u provvista u stallazzjoni ta' *airconditioning,* tagħmir tal-ventilazzjoni u provvista ta' l-elettriku fis-Swali Irġiel 9 u 10, fir-Residenza San Vincenz de Paule - Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 (Lm21.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 60/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *anti-RH immunoglobulin* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 61/2008. Provvista ta' *dinoprostone 1mg vaginal gel* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 62/2008. Provvista ta' *arterial puncture sealing devices* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Mejju, 2008, għal:

CT 37/2008. Provvista ta' *pallet racking* u *very narrow aisle stacker* għall-imħażen il-ġodda tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fil-Marsa - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

CT 38/2008. Provvista ta' *influenza vaccine* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-3 ta' Ġunju, 2008, għal:

CT 52/2008. Provvista ta' pilloli *dipyridamole* 100mg – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 49/2008. Supply of consumables for radiometer BLD gas analyser - Department of Health.

CT 50/2008. Supply of arterial blood samplers - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th May, 2008, for:

CT 31/2008. Chauffeur driven transportation services in Malta - Malta Tourism Authority. A fee of €75.00 (Lm32.20) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th March 2008.

CT 51/2008. Chauffeur driven transportation services in Gozo - Malta Tourism Authority. A fee of €75.00 (Lm32.20) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd May, 2008, for:

CT 59/2008. Dismantling of existing equipment and the supply and installation of airconditioning, ventilation equipment and electrical supply at Wards Male 9 and 10, St Vincent de Paule Residence - Elderly and Community Care Department. A fee of €50.00 (Lm21.47) will be charged for each copy of tender document.

CT 60/2008. Supply of anti-RH immunoglobulin injections - Department of Health.

CT 61/2008. Supply of dinoprostone 1mg vaginal gel - Department of Health.

CT 62/2008. Supply of arterial puncture sealing devices - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th May, 2008, for:

CT 37/2008. Supply of pallet racking and very narrow aisle stacker for the new Government Pharmaceuticals Services stores in Marsa - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

CT 38/2008. Supply of influenza vaccine - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 3rd June, 2008, for:

CT 52/2008. Supply of dipyridamole 100mg tablets – Department of Health.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' April 2008.

CT 54/2008. Provvista ta' *consumables for radiometer blood gas analyser* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' April 2008.

CT 55/2008. Provvista ta' *ipratropium bromide inhalers* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' April 2008.

CT 56/2008. Provvista ta' *coagulation reagents with equipment on loan* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' April 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-10 ta' Ġunju, 2008, għal:

*CT 63/2008. Provvista ta' *autoimmune test kits* bit-tagħmir b'self - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2008.

*CT 64/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *gemcitabine 1mg* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2008.

*CT 65/2008. Provvista ta' *hepatitis B vaccine paediatric* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2008.

*CT 66/2008. Provvista u konsenja ta' għaġin għall-persuni l-aktar fil-bżonn - Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa mill-*European Agricultural Guidance and Guarantee Fund*.

(*Budget* Allokat: €62,000 (Lm26,616.30) mingħajr V.A.T.).

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd April 2008.

CT 54/2008. Supply of consumables for radiometer blood gas analyser – Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 7th April 2008.

CT 55/2008. Supply of ipratropium bromide inhalers – Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 7th April 2008.

CT 56/2008. Supply of coagulation reagents with equipment on loan – Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 7th April 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 10th June, 2008, for:

*CT 63/2008. Supply of autoimmune test kits with equipment on loan - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2008.

*CT 64/2008. Supply of gemcitabine 1mg injections - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2008.

*CT 65/2008. Supply of hepatatis B vaccine paediatric - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2008.

*CT 66/2008. Supply and delivery of pasta for the most deprived persons - Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €25.00 (Lm10.73) will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is funded by the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund.

(Allocated Budget: €62,000 (Lm26,616.30) excluding V.A.T.).

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-15 ta' April, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Il-15 ta' April, 2008

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET
U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Diretturi Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarrfu illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-22 ta' April, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

